**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 05/20**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tnejn, 11 ta' Mejju 2020 |
| **Ħin:** | 5.30pm |
| **Post:** | *Skype Application* \| Covid-19 \| Direttiva mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali |

**Preżenti**

Maria Dolores Abela - Sindku
Joan Agius - Viċi-Sindku
Amanda Abela - Kunsilliera (Skużata)
Dorcas Camilleri - Kunsilliera
Gesmond Baldacchino - Kunsillier
Raymond Caruana - Kunsillier
Roderick Caruana - Kunsillier
Sean Chircop - Kunsillier
Stephanie Fenech - Kunsilliera
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **05.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **05.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;** |
| **05.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **05.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** |
| **05.05** | ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;** |
| **05.06** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **05.07** | **Approvazzjoni tal-Financial Statements bl-aġġustamenti suġġeriti mill-awdituri;** |
| **05.08** | **Xogħlijiet;** |
| **03.10** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** |
| **03.11** | **Mozzjonijiet; u** |
| **03.12** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**05. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 1. 1 | | | Ma kinx hemm ittri ta' apoloġija | |

**05. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Caruana Ray<br>Sekondant: Fenech | Il-Minuti 04/20 inqraw u ġew approvati nem.con. mingħajr korrezzjonijiet. | |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**05. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 2 5 | 04.02.05 | Chircop: E.D.E.N Award | Iċ-ċeremonja li kellha ssir Brussell tħassret għal kollox għal din is-sena, minflok se jibgħatulna l-premju permezz tal-posta. Barra minn hekk il-promozzjoni se tkun qed issir xorta madwar l-Ewropa. | Chircop |
| 05. 2 6 | 04.02.10 | Chircop: Mixja Xir Camini | Il-mixja ta’ San Girgor se tkun qed issir mill-Imdina għaż-Żejtun, meta jinbidlu l-affarijiet, hemm tentattiv li ssir għal Settembru, biex tfakkar il-vittmi tal-pesta. | Chircop |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05. | 2 | 7 | 04.03.04 | Chircop: Restawr Niċċa ta' San Ġużepp | Fl-4 ta' Mejju twaħħlu l-aħħar affarijiet li kien hemm rigward ir-Restawr tan-Niċċa ta' San Ġużepp; ir-raġġiera, il-bastun u l-fanal. Biex b'hekk ir-restawr tlesta minn kollox. Irid jeħel id-dawl mal-fanal tan-Niċċa. Ir-riflettur għandu bżonn isir isfar, għax barra li qed jgħatti ħafna dawl żejjed fuq in-niċċa, qed jgħami lil min ikun qed isuq u jsib id-dawl quddiemu. | Chircop |
| 05. | 2 | 8 | 04.03.05 | Chircop: Tifkira Vittmi Tal-Gwerra | Fit-2 ta' Mejju tpoġġiet il-kuruna mal-mafkar tal-Gwerra u tfakkru t-28 vittma permezz ta' filmat li ttella' fuq *Facebook*. | Chircop |
| 05. | 2 | 9 | 04.05.02 | Sindku: Ħal Tmin | Is-Sindku informat lill-Kunsill li bħala parti mill-pjan ta' tisbiħ ta' spazji miftuħa, tkellmet mal-perit sabiex ifassal il-pjanti sabiex tiġi msebbħa ż-żona imsemmija. Dan ipprepara l-pjanta li ntbagħtet lill-kunsilliera, ta' kif tista' tiġi utilizzata. | Sindku |
| 05. | 2 | 10 | 04.05.03 | Sindku: Ġnien Mikiel Anton Vassalli | Is-Sindku qalet li bdiet bit-tħejjija sabiex jiġi ppublikat it-tender għat-tagħmir tal-*Outdoor Gym* li ser isir f'dan il-ġnien sabiex dan il-proġett li parti minnu €25,000 ser jiġi ffinanzjat minn Sport Malta ikun jista' jinbena. | Sindku |
| 05. | 2 | 11 | 04.05.04 | Sindku: Gazebo fi Ġnien l-Għannejja Żwieten | Is-Sindku qalet li nbeda x-xogħol fuq il-proġett tal-*Green Infrastructure.* Qed issir il-bażi fejn ser titwaħħal il-Gazebo u ser jiġu diskussi wkoll mal-kuntrattur fejn ser isiru d-dwal għall-istess proġett. | Sindku |
| 05. | 2 | 12 | 04.06.01 | Fenech: *Blood Donation Unit* | Fenech qalet li din l-attivita' għalkemm bħalissa għaddejjien minn perjodu diffiċli xorta kienet suċċess fejn 36 donatur marru jagħtu d-demm. Iċ-Ċentru tal-Għoti tad-Demm bagħat jirringrazzja lill-Kunsill għall-din l-inizjattiva. | Fenech |
| 05. | 2 | 13 | 14.10.01 | Sindku: Ingaġġ ta' żewġ ġardinara | Il-Kunsill reġa ddiskuta din il-materja u wara li s-Sindku ressqet mozzjoni, ssekondata minn Baldacchino, ttieħed vot u din ġiet approvata nem.com. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 05. | 2 | 14 | | Chircop: Affarijiet oħra | Fil-15 ta' April – il-festa ta' San Girgor saret bħala pellegrinaġġ privat, Chircop ma setax jattendi għax kien kwarantina, iżda minflok tella' filmat dwar l-oriġini tal-festa ta' San Girgor, li ntwera wkoll waqt Espresso fuq One TV kif ukoll ta intervista fuq TVAM. | Chircop |

**05 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML05/20. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05 | 3 | 1 | | Sindku: Ħaddiema tal-OZO Group | Is-Sindku qalet li wara li kellha diskussjonijiet mal-MEP Miriam Dalli kif ukoll mal-Kap Eżekuttiv is-Sur Fabio Muscat, sar ftehim li sitt ħaddiema minn din il-kumpanija jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni fiż-Żejtun, sitt siegħat kuljum. Bħalissa qed isir manutenzjoni ta' żebgħa u tindif fi Ġnien iż-żgħożija fejn ukoll qed jagħtu l-għajnuna tagħhom il-ħaddiema assenjati mal-Kunsill. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05 | 3 | 2 | | Segretarju Eżekuttiv: *EPOS Machines* | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li saret applikazzjoni mill-A.K.L sabiex jiġu nstallati l-*EPOS machines* sabiex jiġu ffaċilitati t-tranzazzjonijiet. Ser issir ukoll applikazzjoni sabiex permezz tal-internet banking ikun iktar faċli li l-Kunsill jagħmel transfers bankarji meta jkun hemm il-bżonn. Dawn ser ikunu qed jiġu proċessati mill-Assistent Prinċipali Angelo Caruana u jiġu approvati mis-Segretarju Eżekuttiv jew is-Sindku. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 05 | 3 | 3 | | Sindku: Ħaddiem assenjat mal-Kunsill | Is-Sindku qalet li ntalbet informazzjoni mingħand *District Operations Ltd* dwar Barbara peress li dan ilu ma jirraporta għax-xogħol mill-aħħar tal-2019 minħabba raġunijiet ta' saħħa. Bħallissa il-Kunsill qed jieħu s-servizzi minn erbgħa ħaddiema flok ħamsa kif inhu ntitolat. | Sindku |
| 05 | 3 | 4 | | Chircop: Pubblikazzjonijiet | Chircop qal li ġie avviċinat mill-Katidral ta' Għawdex fejn għandhom numru ta' pubblikazzjonijiet li jixtiequ jagħdduhom lill-Kunsill. Ser isiru l-arranġamenti meħtieġa sabiex imorru għalihom. | Chircop / Caruana Ray |
| 05 | 3 | 5 | | Chircop: Proġett Misraħ Karlu Diacono | Chircop qal li minħabba l-Covid-19 ma jistgħux isiru l-*workshops* li kienu ppjanati sabiex isir dan il-proġett. | Chircop |
| 05 | 3 | 6 | | Chircop: Workshops dwar l-Għana | Chircop qal li l-fondi li konna applikajna għalihom mal-Ministeru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza ġew approvati u ser ningħataw €3,000. Għalissa dawn ma jistgħux isiru minħabba l-Covid-19. | Chircop |
| **05.** | **4.** | | | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 05. | 4 | 1 | | Caruana Roderick: Immaniġjar tat-traffiku minn Triq Salvu Cacciatolo | Caruana staqsa meta ser isir dan l-istudju dwar kif għandu jiġi mmaniġjat it-traffiku li ħiereġ minn din it-triq peress li kif inhu huwa ferm perikoluż. | |
| 05. | 4 | 2 | | Sindku: Problema tal-Ħamiem | Is-Sindku staqsiet fiex wasal il-proċess. Baldacchino qal li ntagħżel minn naħa tad-Dipartiment il-fornitur li għandu l-liċenzja jimporta dan it-tip ta' ġwiez li jikkontrolla t-tkattir tal-ħamiem. Is-Sindku żiedet li din hija problema kbira u r-residenti huma mxebba b'dan. | Sindku |
| 05. | 4 | 3 | | Viċi-Sindku: Manuċċa CDCC | Il-Viċi-Sindku qalet li minħabba problema ta' firem tal-bord wara li nbidel l-istatut u għadu ma ġiex finalizzat, il-Kunsill kellu joħroġ ċ-ċekkijiet tal-pagi tal-ħaddiema għall-Marzu u April u ta' żewġ kontijiet pendenti dan wara li ingħada ċekk tal-istess ammont lill-Kunsill. Kompliet li l-carers qed jagħmlu lezzjonijiet online lit-tfal li kienu jattendu fl-istess ċentru. | Viċi-Sindku |
| 05. | 4 | 4 | | Chircop: Parkeġġ wara l-knisja | Chircop staqsa jekk is-*survey* li kellu jsir fuq ix-xelter sabiex jaraw hux possibli li jsir dan il-proġett hux lest. Is-Sindku wieġbet li dan għadu mhux lest. | Sindku |

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 4 5 | | Chircop: Tħawwil ta' siġar | Chircop staqsa fiex wasal il-proġett ta' tħawwil ta' siġar fi Triq il-25 ta' Novembru u Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok. Is-Sindku wieġbet li konna ġibna stima sabiex isiru l-konok li ammontat għall-madwar €24,000. Peress li bħala Kunsill ma nifilħuxsaret talba lill-IM sabiex jitħawwlu s-siġar speċjalment fi Triq Ħaż Żabbar li din ġiet milqugħa pero x-xogħol għadu ma bediex. | Sindku |
| 05. 4 6 | | | | |

**05. 5.** **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 5 1 | | Caruana Ray: *Bring In Sites* | Caruana ressaq mozzjoni sabiex il-B.I.S minn sebgħa settijiet jitnaqqsu għal tlieta, dan wara li qed isir ħafna abbuż ta' rimi ta' skart madwarhom. Wara diskussjoni fit-tul kien hemm qbil li għalissa għandhom jitneħħew dawk ta' ħdejn il-Knsija ta' San Girgor. Ser nitkellmu mal-Greenpak sabiex isir iktar tindif madwarhom u jekk hu possibli jiġu nstallati kameras għal iktar moniteraġġ. | Caruana Ray |
| 5 5 2 | | Caruana Ray: Dog bin | Caruana ressaq suġġeriment sabiex jitwaħħal bin tal-klieb fi Triq San Pietru. Ma kinx hemm qbil dwar dan peress li din triq dejqa. | Caruana Ray |
| 5 5 3 | | Viċi-Sindku: Triq l-Aħħar Ħbiet mit-Torok | Il-Viċi-Sindku għaddiet suġġeriment sabiex jitwaħħlu bins għal iskart matul it-triq peress li m'hemmx. Is-Sindku qalet li ser inkunu qed nikkunsidraw sabiex dawn jtwaħħlu għax hemm bżonnhom. | |
| 5 5 4 | | Baldacchino: Żbir ta' siġar | Baldacchino qal li bħalissa flimkien ma' Caruana Ray u ż-żewġ ħaddiema li qed jiġu assenjati biex jagħmlu dan ix-xogħol mill-kuntrattur qed jaħdmu tajjeb flimkien. | Baldacchino / Caruana Ray |
| 5 5 5 | | Baldacchino: Meters tad-dawl u ilma f'Binja Minzel | Baldacchino qal li kellu talba mir-residenti ta' Binja Minzel sabiex il-meters jinħarġu barra peress li huma perikolużi. Ser ikun qed isir talba lill-Enemalta u Water Services Corporation. | Baldacchino |
| 5 5 6 | | Chircop: Applikazzjoni għall-Stabilimenti Kummerċjali fid-daħla taż-Żejtun | Chircop qal li hemm applikazzjoni quddiem il-PA sabiex tiġi żviluppata din l-akwata fejn bħalissa hemm il-Lidl. Talab sabiex naraw l-iżvilupp kif ser isir u kif ser jaffetwa d-daħla taż-Żejtun. Is-Sindku qalet li trid tittieħed deċizzjoni bħala Kunsill. | Sindku |

**05. 6.** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 6. 1 | | Fenech: Move Week | Fenech qalet li bejn il-25 u l-31 ta' Mejju ser tiġi ċċelebrata l-MOVE week, dis-sena differenti mis-soltu minħabba l-Covid-19. Fost l-oħrajn hemm il-ħsieb li jsir stħarriġ online dwar l-użu tar-rota fil-lokal. | Fenech |

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 6. 2 | | Sindku: Żejt iż-Żejtun | Is-Sindku staqsiet jekk għandniex nikkonfermaw li tiġi mħassra l-attivita' folkloristika Żejt iż-Żejtun. Kien hemm qbil dwar dan u għandu joħroġ komunikat uffiċjali minn naħa tal-Kunsill. | Viċi-Sindku |
| **05. 7.** | | ***Approvazzjoni tal-Financial Statements bl-aġġustamenti suġġeriti mill-awdituri;*** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 05 7 1 | | Segretarju Eżekuttiv: *Financial Statements* bl-aġġustamenti suġeriti mill-awdituri | Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kif isir kull sena l-awdituri jipproponu numru ta' aġġustamenti, għaldaqstant qed jiġu preżentati il-*Financial Statements* finali li jirriflettu dawn it-tibdiliet fejn bosta huma allokazzjoni ta' transazzjonijiet minn *nominal account* għal-ieħor. Wara tressqu għall-approvazzjoni u ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku. Il-Kunsill approva b'mod unanimu. | Segretarju Eżekuttiv |
| **05. 8.** | | **Xogħlijiet;** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 05. 8. 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li bħalissa qed isir xogħol minn naħa tal-Enemalta fi Triq l-Isqof E. Galea, Triq id-Dulliegħ u Triq il-Qadi. *Infrastructure Malta* qed tagħmel is-servizzi tal-ilma u tarmak fi Triq il-Faqqus, Triq Bugħarbiel u Triq id-Dwiemes. Ġie imwiegħed mis-Sur Falzon CEO tal-WSC li x-xogħol fi Triq Xrobb l-Għaġin kellu jitkompla. | Sindku |
| **05. 9.** | | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 05. 9. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 05/20 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 05. 9. 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 05/20 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 05. 9. 3 | | *Petty Cash* - April 2020 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Frar hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €216.70 | Segretarju Eżekuttiv |
| **05 10** | | **Mozzjonijiet; u** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 05. 10 1 | | Fenech: Pjazza għan-nies | Fenech resqet mozzjoni sabiex tiġi kkunsidrata li tlett dati fis-sena, fl-ewwel ġimgħa tax-xahar matul is-Sajf, il-pjazza titnaddaf mill-parkeġġi tal-karozzi u ssir żona pedonali. Il-quddiem ser jiġu diskussi mal-entitajiet li jinsabu fil-pjazza sabiex ikunu jistgħu jittellgħu attivitajiet. Is-Sindku żiedet li bħala kunsill diġa urejna x-xewqa li nissieħbu mal-proġett li qed jipproponi l-Gvern Ċentrali dwar dan u fil-passat diġa saret xi ħaġa simili li rnexxiet. Wara diskussjoni kien hemm qbil dwar dan. | Fenech |
| **05 11** | | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fit-7:45pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 8 ta' Ġunju 2020 fuq *Skype Application* fil-5:30pm.

IFFIRMATA

Maria Dolores Abela

Sindku

IFFIRMATA

Anton Falzon

Segretarju Eżekuttiv